VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 22 tal-2014

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2014 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal- President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2014 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2014.

Reviżjoni tas-salarju tal-President.

2. Għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att, salarju ta' -

€57,693 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2014;

€59,206 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2015;

€60,720 b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2016.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra.

3. Għandu jitħallas lid-detentur tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni, minflok is-salarju stabbilit bl-artikoli 2 u 3 tal-Att, is-salarju fis-sena speċifikat fil-kolonni rispettivi ta' dik l-iSkeda, matul is-sena li għaliha tirreferi kull waħda mit-tieni sar-raba' kolonna ta' din l-iSkeda. Is-salarji msemmija għandhom jitħallsu b'effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena speċifikata.

SKEDA
(Artikolu 3)

	2014	**2015**	**2016**
Avukat Ġenerali	€44,566	€44,566	€44,566
